# RIŻORSA 13

## Karikaturi u sterjotipi

Nota lill-għalliema: l-istampi li ġejjin jistgħu jkunu offensivi għal xi studenti. Nirrakkomandaw li jintużaw b'mod sensittiv fil-klassi.

**Il-kerrejja ta' Uncle Sam**




Irlandiż aggressiv jikkonfronta lil Uncle Sam (simbolu tal-Istati Uniti) f'kerrejja mimli ħaddiema u immigranti minn pajjiżi differenti li qed jippruvaw jorqdu.

*Sors: © Library of Congress*



Proġett tal-Parlament Ewropew

**Bastiment għall-persegwitati**




In-"New Trans-Atlantic Hebrew Line", għall-użu esklużiv tal-"persegwitati", tpinġi bil-fattizzi sterjotipati tal-Lhud mhux il-passiġġieri biss, iżda anke l-bastiment innifsu u l-annimali li jidhru fil-karikatura.

*Sors: © Library of Congress*

**Ġejja epidemija**




Immigranti Ċiniżi mpinġija bħala ġurati qerrieda f'*The Wasp*, rivista satirika ta' San Francisco minn tmiem is-seklu 19. Il-kitba tgħid: "Ir-razzett ta' Uncle Sam qiegħed fil-periklu. Sebgħin miljun ruħ qed imutu bil-ġuħ fil-provinċji tat-Tramuntana taċ-Ċina. Kull min jista' qiegħed jipprepara biex jiġi fl-Istati Uniti. Attent għall-ġurati, Uncle Sam!"

*Sors: © Library of Congress*

**Dwar il-popolazzjoni Taljana**




Karikatura editorjali ħarxa kontra l-immigranti Taljani fil-gazzetta *The Mascot*, New Orleans, 1888. Il-parti ta' fuq tal-karikatura twaqqa' għaż-żufjett l-istil ta' ħajja tat-Taljani u l-parti t'isfel tissuġġerixxi modi kif wieħed jista' "jeħles minnhom".

*Sors: Wikimedia Commons*

- X'taħseb li kienu l-messaġġi li dawn l-istampi riedu jgħaddu dak iż-żmien?
- X'impatt seta' kellhom dawn l-istampi fuq il-pubbliku li rahom?
- Stampi bħal dawn kif setgħu affettwaw lin-nies li kienu migranti?